

# Pawlu Grech il-Barklor Marsi

*minn Alfred Caruana*



Pawlu Grech bħal kull barklor Marsi kien xempju ta' bżulija. Pawlu twieled il-Marsa fl-inħawi tal-Menqa. Huwa twieled 1890 u mgħammed il-Ħamrun fil-parroċċa ta' San Gejtanu, għax dak iż-żmien il-Marsa ma kienetx għada saret parroċċa. Missieru kien ħaddiem tax-xatt, l-iżjed kien iħott il-faħam. Kien xogħol iebes. Meta kien żgħir missieru ried jgħallmu l-iskola għax ma riedx li ibnu jispiċċa bħalu jġorr il-faħam. Imma moħħ Pawlu ma kienx tajjeb għall-iskola, u meta tfarfar bagħatu ma' waħda mill-enġineriji li kienu armati fil-Menqa. Imma anki hawn ma tantx irnexxa, għax id-destin ma kienx sejjaħlu hemm. Missieru nduna li ibnu kien mixħut lejn xi sengħa relatata mall-baħar u għalhekk bagħtu ma' wieħed li jibni d-dgħajjes jew kif kienu jgħidulhom opri tal-baħar. Għamel xi żmien mhux ħażin ma' dan l-imgħallem tad-dgħajjes. Imma dan Pawlu moħħu kien iberren li jkollu dgħajsa tiegħu għax meta kien jarhom lesti kien jiġġennen. Għalhekk missieru ra kif għamel u xtralu dgħajsa tal-pass, issa li kien kiber mhux ħażin. Hawn għalhekk bdiet il-karriera ta' Pawlu bħala barklor.

Pawlu kien miżżewweġ li ċertu Rożina Carabott mill-belt li kienu joqgħodu fi triq il-Pitkali l-Marsa. Ftit bibien l-isfel minn fejn kienet toqgħod il-familja tiegħi. Dawn ma kellhomx tfal iżda baqgħu fidili lejn xulxin sal-mewt.

Pawlu kien jorbot id-dgħajsa tiegħu l-Menqa u xogħolu kien iġorr il-baħrin ta' bastimenti Navali Ingliżi lejn l-art u viċi versa; Għalkemm xi biċċa xogħol oħra kienet tinqala' 'l hawn u 'l hinn, forsi ta' meta kienu jġorru l-emigranti Maltin għal fuq il-vapur lejn l-Awstralja.

Imma għalkemm jgħidu li l-gwerer iġibu x-xogħol, mhux għall-barklori Marsin bħal ma kien dan Pawlu. Għax speċjalment fl-aħħar Gwerra Dinjija l-Flotta Navali Ingliża kienu ċaqalquha u bagħatuha lejn Lixandra minħabba l-attakki tal-Ġermaniżi u għalhekk fi żmien il-gwerra ftit li xejn kien ikollhom xogħol għax anke l-Port il-Kbir innifsu kien perikoluż ħafna. Kienu jidħlu biss żewġ bastimenti navali li kienu jġorru bil-moħbi xi storijiet u xi *spare parts* u ħtiġijiet l-aktar għall-Ingliżi nfushom. Dawn il-bastimenti kienu l-HMS Manxman, li kienet *mine layer,* ta' veloċità aktar minn oħrajn, u l-HMS Welshman, li

kienet destroyer ta' daqs normali. Imma dawn kienu jaslu mill-Lixandra fil-kappa tal-lejl, iħottu malajr il-merkanzija u l-għada mal-lejl jerġgħu jmorru Lixandra. Dawn kienu jiskennu d-*Dockyard*, waħda kienet torbod *Hamilton Wharf* u l-oħra, il-Mamxman kienet tistkenn fil-baċir Numru wieħed, Bormla.




Il-ħajja ta' barklor ma kienitx faċli bħal kull xogħol ieħor. Darba wrieni l-pali ta' jdejh, dawn kienu pjaga waħda għax l-imqadef ħallew il-marka tagħhom, peress li dari kien għad ma għandhomx mutur għad-dgħajsa. Darba kont ma' missieri u rrakkuntalu kif fi żmien il-gwerra ħatnu, li jiġi hu l-mara tiegħu, u li kien ukoll barklor, imma fuq in-naħa ta' Marsamxett, darba minnhom kien ma jiflaħx u qabbad lil Pawlu biex jagħmillu xi xogħol għal tas-Sliema. Imma kif kienu f'nofs il-Port jiġifieri ħdejn *Manoel Island* inqala' *Air Raid*, u tgħidx kemm beża' meta ra l-bombi nieżlin ftit il-barra mill-*breakwater*, għax l-attakk kien immirat fuq il-Port il-Kbir. Dak in-nhar kienu ntlaqtu r-Rikażli, l-Isptar ta' Bighi u l-Kalkara, fejn intlaqtu xi tankijiet taż-żejt.

Episodju ieħor mill-ħajja ta' Pawlu l-barklor kien, li meta darba waħda kien fuq xogħolu jġorr xi baħrin mill-art għal fuq il-bastiment; dawn milli jidher kienu xi naqra xurbana u ddeċidew li ma jħallsux. Qamet xi kwistjoni bejn Pawlu u l-baħrin; dawn għamlu għalih, weġġgħuh ħafif u tefgħuh il-baħar. Dan il-kas kien ġie wkoll imsemmi fuq l-aħbarijiet, li dak iż-żmienijiet kien fuq ir-*Rediffusion*, jew il-*cable radio* ta' dak iż-żmien.

Pawlu kien maħbub anke ma' xi kaptani ta' vapuri Navali Ingliżi; u mhux l-ewwel darba li meta l-flotta li kienet tkun ibbażata hawn Malta, kienet tagħmel *cruise* fil-Mediterran; dan kien jiġi mistieden biex itellgħa d-dgħajsa tiegħu abbord biex ikun jista' jaqdiehom f'portijiet barranin.
Darba meta kont il-Mużew kellna lil ċertu Ċikku Saliba li kellu ħanut tat-tè fejn il-Klabb tar-regatta l-Menqa u dan Ċikku peress li kien jiġi fil-qrib tal-mara ta' Pawlu rranġalna biex jeħodna dawra mall-Port il-Kbir. Pawlu ma kienx jaf jgħid le. Niftakar li tlaqna mill-Menqa, għaddejna min quddiem Ras Ħanzir, għal quddiem il-*Floating Dock* u bqajna sejrin sal-*Breakwater*, fejn tlajna xi ftit fuqu, in-naħa tar-Rikażli u ergajna lura. Dan Pawlu kellu vjaġġ mhux ħazin jaqdef il-ħin kollu.

Pawlu ħalla din id-dinja ta' ħamsa u sittin sena.

Nawgura kull suċċess għall-Klabb tar-Regatta għal din is-sena.

